MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' April, 2006

Avviz Numru. 200/2002/1

**Avviz numru 200/02 DM**

**Grech Constructions Limited**

**Vs**

**Gaetano Vella Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tas-socjeta’ konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef u hmistax-il lira Maltin (Lm4,015) bilanc minn somma akbar rappresentanti xoghol ezegwit mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta gewwa fond il Hamrun, kif ukoll prezz ta’ materjal mibjugh u konsenjat, liema ammont jirrizulta minn stima mhejjija mill-Perit Richard Aquilina A&CE u accettata mis-socjeta’ konvenuta, datata 7 ta’ Lulju, 2000, (Dok. GC1, GC2).

Bl-ispejjez, inkluzi ta’ l-ittra legali datata 19 ta’ Lulju, 2001, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:

1. L-ammont pretiz m’huwiex dovut u qatt ma gie accettat mill-eccipjenti. Is-socjeta’ konvenuta diga’ hallset lis-socjeta’ attrici aktar minn dak legalment dovut.
2. Bla pregudizzju ghas-sueccipit, l-istima bla firma datata 7 ta’ Lulju, 2000, hija eccessiva u r-rati uzati huma ghola minn dawk stabbiliti bil-ligi ; is-socjeta’ attrici hija legalment projbita milli titlob prezz mill-prezz stabbilit mil-ligi (Art. 4(1) Kap 288).
3. F’kull kaz l-eccipjenti qatt ma accettaw li jhallsu rati oghla mill-prezzijiet legali, u oghla mill-prezzijiet tas-suq.
4. Anke l-ammont pretiz bhala hlas ghall-vjaggi bil-materjal huma eccessivi.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Frar, 2005, fejn il-kontendenti qablu li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza fuq it-tieni (2) eccezzjoni biss dwar jekk humiex rigorosament applikabbli d-desposizzjonjiet tal-Kap. 288 fil-kaz in kwistjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bit-tieni eccezjoni minnhom sollevata il-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi t-talba attrici, li tirrigwarda il-hlas tal-bilanc minn prezz ta’ xogholijiet fil-gebel li sar fil-fond tal-konvenuti fil-Hamrun, ma tistax treggi peress illi mhux ibbazata fuq dawk il-prezzijiet stabbiliti mill-ligi, bil-Kapitolu 288. Il-konvenuti jsosstnu li l-prezzijiet tax-xoghol li

jghamlu l-atturi u ta liema qeghdin jitolbu l-hlas bl-azzjoni odjerna, huma ghola minn prezzijiet li gew stabbiliti bis-sahha tal-Kapitolu 288 tal-ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk l-atturi huma prekluzi milli jitolbu l-hlas ta tali prezzijiet.

Bil-verbal tas-17 ta’ Frar ta’ l-2005, din il-Qorti giet mitluba biex fl-ewwel lok tiddeciedi jekk id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 288 humiex rigorosament applikabbli anke fil-kaz in kwistjoni u konsegwentement sabiex tiddeciedi ukoll jekk, tenut kont tal-Kap 288, it-talba attrici ghandiex titqies li hija pprojbita legalment jew le.

Dwar jekk il-Kapitolu 288 ghandux jigi applikat rigorosament fi kwalunkwe gudizzju quddiem dawn il-Qrati, billi fl-istess ligi ma jirrizulta xejn li jindika li f’xi kazijiet partikolari d-disposizzjonijiet ta’ l-istess kapitolu 288 m’ ghandhomx jigu applikati rigorosament, jibqa stabbilit illi d-disposizzjonijiet kollha tal-Kapitolu 288, bhad-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra, ghandhom ikunu applikabbli f’ kull kaz illi ghalih dik il-ligi tirreferi.

Il-Kapitolu 288 jghati s-setgha lil Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet sabiex jghamel regolamenti li jistabbilixxu l-prezz li jista’ jintalab ghal dawk ix-xogholijiet ta’ bini jew relatati mal-bini illi huma specifikati fl-artikolu 3 ta’ l-istess ligi.

L-artikolu 4 mbaghad ikompli jiddisponi illi f’ kaz li l-Ministru juza s-seta’ lilu moghtija bl-artikolu 3 u jistabbilixxi prezz, ghal xoghol u materjal specifikati fl-istess regolamenti, ebda persuna ma’ tista’ titlob jew tircievi prezz ghal dak ix-xoghol hemm specifikat li jkun ghola mill-prezz stabbilit.

Ghalhekk kien jispetta lil konvenuti li mhux biss ighamlu riferenza ghall-Kapitolu 288 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda f’ kaz li riedu jattakkaw it-talba attrici a bazi ta’ dik il-ligi, huma kellhom jispecifikaw dawk ir-regolamenti partikolari, jekk saru, li jirrigwardaw ix-xoghol u materjal fornit mill-atturi kif elenkati fil-kont dettaljat pprezentat taghhom a fol 2 tal-process.

Anke kieku rrizulta illi effettivament kienu saru regolamenti biex jistabbilixxu l-prezz ghax-xogholijiet partikolari esegwiti mill-atturi, din il-Qorti ma kienitx kompetenti li tidhol fil-mertu jekk il-prezz mitlub mill-atturi huwiex ghola o meno mill-prezzijiet stabbiliti fir-regolamenti, peress illi l-istess Kapitolu 288 jirriserva kull kwistjoni li tirrigwarda kull haga li tolqot il-prezz li ghandu jithallas jew xi rifuzjoni ta dak li huwa diga mhallas ghal dawk ix-xogholijiet specifikati fir-regolamenti ghat-*Tribunal ghall-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini* imwaqqaf bl-artikolu 9 ta' l-istess ligi.

Ghaldaqstant, billi ma ngiebet ebda prova dwar xi regolament li a bazi tieghu gie stabbilit xi prezz ghax-xogholijiet esegwiti mill-atturi u billi fil fatt ma jirrizultax illi sar tali regolament jew gie stabbilit tali prezz skond id-disposizzjonijiet ta'l-Kapitolu 288, tiddikjara li l-Kapitolu 288 ma jipprovdi ebda ostakolu ghall-prosegwiment tal-azzjoni attrici u konsegwentement qeghdha tichad it-tieni eccezzjoni sollevata minn l-istess konvenuti.

Bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------